CCT/513/11/S

Jane Rocco

Vs

Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct

Illum 28 ta'Gunju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-attrici Jane Rocco li gietipprezentata fil-5 ta'Dicembru,2011 u r-risposta tal-konvenuta Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct datata 26 ta'Marzu,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'solar water heater' li minnu ilmentat l-attrici;

Illi l-attrici rrifjutat li s-'solar water heater' jigi rimpjazzat kif offriet il-konvenuta u talbet li tiehu flusha lura;

Illi kwalsiasi 'policy' li kummercjant jiddeciedi li jhaddan, trid tkun fil-parametri ta' dak stabbilit mill-ligi;

Illi l-kontestazzjoni issa tirrigwarda r-rimedju li ghandha toffri l-konvenuta ghax l-attrici qed tinsisti li tinghata l-flus lura filwaqt li l-konvenuta lesta li tirrimpjazza l-partijiet necessarji b'ohrajn ahjar minn dawk mixtrija;

Illi l-artikoli 74 et seq tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta jitkellmu car dwar ir-rimedju bhal fil-kaz odjern;

Illi skont il-konvenuta wara l-ewwel ilment tal-attrici, hija kienet offriet li tirrimpjazza l-oggetti li tmermru izda l-attrici m'accettatx;

Illi ghalkemm ir-ritratti jitkellmu wahidhom, it-Tribunal mhuwiex konvint li l-oggett in kwistjoni kien difettuz izda jidher li l-'corrosion' kienet kagun tal-ilma;

Illi ma kienx hemm raguni valida ghaliex l-attrici kellha tirrifjuta li certi partijiet mis-'solar heater' jigu rimpjazzati;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad t-talba tal-attrici Jane Rocco biex tiehu l-flus lura filwaqt li Jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta Rita Borg, limitatament u fis-sens li l-konvenuta Rita Borg qeghdha tigi ordnata tirrimpjazza s-'solar water heater' li jkun tal-istess specifikazzjonijiet jew ahjar minn dak li gja ghandha u dan minghajr ebda hlas daparti tal-attrici Jane Rocco, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru